**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 29**

**NHAR IL-ĦAMIS 7 TA' MARZU 2013 FIT-17:00**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Frank Salt | Chairperson |
| Mary Anne Abela | Vice Chairperson |
| Wallace Farrugia | Membru |
| Anna Paris | Membru |

Il-Membru A. Chetcuti kien skużat minħabba raġunijiet ta' mard.

**TALBA**

Ic- Chairperson qal it-talba.

## I. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-Seduta numru 28 ġew approvati. Il-Viċi Chair person M. Abela pproponiet u l-Membru A. Paris issekondat.

## II. PROĠETT PILOTA KISI BIT-TARMAK FIT-TOROQ TAL-MADLIENA

- Hekk kif kien miftiehem fil-laqgħa preċidenti, saret laqgħa mal-Kuntrattur nhar l-4 ta' Frar 2013 flimkien mas-Sindku u Membri tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta kopja ta' din l-ittra, anessa ma' dawn il-Minuti.

  Matul din il-laqgħa, is-Sindku ssostna li mill-aktar fis hemm bżonn li jintlaħaq ftehim adekwat bejn iż-żewġ partijiet sabiex kull parti tieħu ħsieb sew l-interessi tagħha. Huwa fakkar li l-fondi li l-Kunsill se jagħmel użu minnhom huma fondi pubbliċi għalhekk huwa fid-dmir tal-Kunsill li jara li dawn jitneffqu b'mod responsabbli.

  Ġiet diskussa fid-dettal l-ittra li ntbagħtet lill-Kuntrattur wara din il-laqgħa. Il-punti li semmew f'din l-ittra huma mniżżlin hawn taħt.

  - Fir-rigward ta' *retetion money,* il-Kunsill irrefera għall-kuntratt li għandu mal-Kuntrattur, artiklu G27, fejn jgħid li dawn għandhom jinżammu sa sentejn wara data ta' ċertifikazzjoni ta' xogħol komplut. Għaldaqstant b' dispjaċir, il-Kunsill mhux qiegħed f' pożizzjoni li jrodd lura dawn il-flus lill-Kuntrattur.

  - Il-Kuntrattur ssuġerixxa li titħallas lilu s-somma ta' €42,000 hekk kif tiġi ffirmata l-estenzjoni tal-Kuntratt. Il-Kunsill u l-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena unanimament lest li jaqbel ma' din il-proposta', pero' il-Kuntrattur irrid jippreżenta garanzija ta' €12,000.

  - Rigward il-kwistjoni ta' xi xogħlijiet żejda li l-Kuntrattur qed isostni li m' humiex msemmija fil-Kuntratt, il-Kunsill jivverfika li tlieta minn dawk l-erbgħa toroq huma msemmija fil-Kuntratt, artiklu 22. F' dan l-artiklu, il-Kunsill jirriserva dritt li jbiddel il-kwantitajiet u r-rati msemmija fil-Kuntratt b' 20%. Għaldaqstant il-Kunsill jemmen li x-xogħlijiet rikjesti mill-Kuntrattur huma raġenevoli ħafna.

Għaldaqstant il-Kunsill qiegħed jipproponi dawn il-proposti lill-Kuntrattur.

1. Hekk kif tiġi ffirmata l-estenzjoni tal-Kuntratt mill-Kuntrattur, il-Kunsill jħallas €42,000 lill-Kuntrattur u l-Kuntrattur jippreżenta garanzija bankarja li tammonta għal €12,000.

2. Fl-estenzjoni li tiġi ffirmata se jkun hemm imniżżel b' mod ċar meta se jibdew u jispiċċaw ix-xogħlijiet fl-erbgħa toroq u li l-Kundizzjonijiet li kienu mniżżlin fil-Kuntratt oriġinali se jibqgħu fi seħħ.

3. Kif kien miftiehem fil-laqgħa li saret nhar l-4 ta' Frar 2013 mal-Kuntrattur, huwa flimkien ma' rappreżentant tal-Kunsill u tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena se jżuru is-siti li fihom saru xi ħsarat minħabba xogħlijiet li kien għamel l-istess Kuntrattur. Iż-żewġ naħat unanimament qablu li jsiru ċertu tisswijiet neċċessarji. Kif dawn ix-xogħlijiet ta' tiswijja jkunu lesti u ċċertifikati, il-Kunsill lest li jirrelaxxa €7,000 mir- *retention money*.

4. Rigward il-bilanċ li hemm pendenti ta' €28,713.51, il-Kunsill ppropona li jitħallas hekk kif toroq kollha jkunu se lesti biex jingħata it-tarmak.

5. Jekk il-Kuntrattur jagħmel ix-xogħlijiet fl-erbgħa toroq u jsewwi l-ħsarat l-oħra b' mod sodisfaċċenti sa data miftehma, il-Kunsill lest li jirrelaxxa il-kundizzjonijiet msemmija f' punt 3. Għaldaqstant f' każ illi xogħlijiet ma jkunux lesti sa data mniżżla fl-estenzjoni, il-kundizzjonijiet kollha mniżżlin fil-kuntratt oriġinali jibqgħu fi seħħ.

6. Fir-rigward li jiġu irrelaxati ir- *retention money* qabel ma jgħaddu s-sentejn mid-data ta' ċertifikazzjoni ta' xogħlijiet lesti, il-Kunsill ssostna li dawn jiġu rrilexxati biss hekk kif l-erbgħa toroq jkunu lesti minn kollox.

Dawn il-proposti ġew diskussi fid-dettal u kien hemm qbil unanimu li din l-ittra għandha titnbagħat lill-Kuntrttur inkwistjoni.

Din il-laqgħa spiċċat fis-18:00.

| | |
|---|---|
| Hugh Zammit | Frank Salt |
| Segretarju Eżekuttiv | Chairperson |